**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 10 ta' Dicembru, 2015**

Numru 2

**Appell Nru. 45/2015**

**Pasquale Catuogno**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Pasquale Catuogno tat-18 ta' Awwissu 2015 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-30 ta' Lulju 2015 li iddikjarat l-appell mill-Avviz ta' Twaqqif u Twettieq 340/12 bhala inammissibli ghax prezentat tardivament;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:

Kif inghad, din hija decizjoni limitata ghall-kwistjoni ta' fuori termine.

Dan it-Tribunal huwa marbut mal-ligi u l-ligi taghmel car il-punt u regolamenti applikabbli ghal kwistjonijiet ta' Appelli. Sabiex appell jibda biex jinstema mit-Tribunal irid, naturalment, ikun gie presentat fiz-zmien li trid il-ligi. Dan huwa massimu legali li japplika fil-konfront tal-Ligijiet kollha bhal per ezempju r-regolamenti u massimi tal-ligi ta' Preskrizzjoni.

Dan ifisser li qabel ma jista t-Tribunal jidhol fil-mertu ta' kwistjoni jrid jindirizza l-eccezzjoni ta' fuori termini ghaliex jekk it-Tribunal jaghti ragun lill-Awtorita', allura jigi li t-Tribunal huwa prekluz milli jidhol fil-merti tal-Appell inniffsu. Appell li jigi presentat tard huwa Appell null.

Dan huwa principju assodat u konfermat minn diversi gudikati kemm tal-Qrati taghna kif ukoll minn dan it-Tribunal. Appell li jidhol tardivament ma jistax jigi mismugh mit-Tribunal.

Il-kawza deciza fil-5 ta' April 2013 Appell Civili - Ghawdex 6/2012 Michael Parnis Vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghandha fatti u riflessjonijiet simili ghal kaz odjern. Fih l-Onor. Qorti tal-Appell iddikjarat hekk:

Il-Qorti tapprezza li ghal min ighix f'Ghawdex hu iktar komdu li jibghat l-appell permezz tal-posta, gialadarba ma jirrizultax li t-Tribunal ghandu ufficcju f'Ghawdex. Sfortunatament min jaghmel uzu minn dan il-mezz ikun qieghed jiehu riskju gialadarba:-

i. Id-dokument tal-appell ser jigi kkonsenjat minn pustier;

ii. L-appellant m'ghandux garanzija li l-appell ser jigi kkonsenjat fit-terminu.

iii. Hu fl-interess u d-dmir ta' min irid jappella li jizgura li l-appell jigi pprezentat ghand it-Tribunal fit-terminu stabbilit mil-ligi.

F'dak il-kaz l-appellanti kien ilmenta hekk:

"19. Illi pero jibqa' l-fatt li l-appell sar u intbaghat fil-hin. Issa jekk ma wasalx fil-hin ghand it-Tribunal dan jidher li huwa nuqqas amministrattiv ta' xi hadd jew ta' min hu inkarigat mill-posta fis-setup amministrattiv tat-Tribunal jew altrimenti ta' xi hadd fil-mailing section ta' l-Awtorita'. Dan kollu pero' ma jaqax fil-kontroll ta' l-appellant.

20. Illi jigi ritenut li t-Tribunal kellu jiddeduci li n-notifika tal-appell servuta lil u accettata mill-mailroom section tal-Awtorita, kellha titqies bhal li kieku moghtija lit-Tribunal peress li kienet l-Awtorita li naqset mir-responsabbilta'

taghha billi l-ewwel accettat posta rregistrata li ma kienitx indirizzata liha, u imbaghad ma ghamlitx dak kollu possibbli biex tali posta tinghata lit- Tribunal immedjatament. M'huwiex gust li l-appellant gie pprivat mid-drittijiet tieghu minhabba nuqqas estraneju ghalih."

Dwar dawn l-argumenti l-Qorti iddikjarat hekk:

Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament in kwantu:-

i. L-appell intbaghat fl-indirizz zbaljat.
ii. Il-fatt li l-Awtorita' damet granet biex tghaddi l-korrispondenza lit-Tribunal, ma jistax jissana n-nuqqas. M'hemmx dubju li t-terminu ta' 15 il-jum hu terminu perentorju. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandu l-ebda deskrizzjoni li jgedded tali terminu irrispettivament miccirkostanzi.
iii. L-appell isir lit-Tribunal, u ghalhekk li hu rilevanti hid-data meta t-jircevih it-Tribunal.
iv. Ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument biss kien hemm xi nuqqas min-naha tal-Awtorita' li ma kkonsenjatx l-appell fil-hin lit-Tribunal, ma jistax iwassal ghall-konkluzjoni li l-appell gie pprezentat fit-terminu kontemplat mil-ligi.
v. Kien fl-interess tal-appellant li jizgura li t-Tribunal ircieva l-appell tieghu.

Fl-Appell deciz minn dan it-Tribunal 206/13 MS Publius Grima vs L-Awtorita' it-Tribunal ghamel il-punt li huwa obbligu tal-appellanti li jassigura ruhu li l-Appell jasal ghand it-Tribunal fit-Termini stabbiliti mill-ligi. Dan huwa r-ragunament tal-Kawza u Sentenza fuq citata li tapplika in toto ghall-Appell odjern.

Mill-Atti u dokumenti esibiti jirrizulta li l-Appellanti gie notifikat bl-Avviz in mertu fl-20 ta' Settembru 2012 u l-Appell dahal fit-12 ta' Ottubru 2012. L-Appell, ad valididatem kellu jidhol sal-5 ta' Ottubru 2012.

Billi l-Appell dahal tardivament it-Tribunal m'ghandux trid ohra hlief li jichad l-Appell stante illi gie presentat fuori termine.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Id-decizjoni hi nulla ghax it-Tribunal iddecieda l-kwistjoni preliminari li l-appell gie prezentat fuori termine in vacuum bla ma ikkonsidra l-aggravji tal-appellant senjatament li l-artikolu 86(8)(9) tal-Kap. 504 jimponi obbligu fuq l-Awtorita li tistenna l-ezitu ta' applikazzjoni sanatorja qabel johrog avviz ta' enforzar. Ghalhekk l-avviz kien intempestiv. L-applikazzjoni ghadha fl-istadju tal-appell quddiem it-Tribunal;

2. It-Tribunal ma immotivax id-decizjoni tieghu u minflok ikkwota sentenzi tal-Qorti inapplikabbli ghal kaz odjern ghax il-fattispecie kienu differenti.

**L-aggravji mehudin flimkien**

Bhala fatt jirrizulta illi l-appellant kien ressaq applikazzjoni sanatorja 'to sanction house' PA 1674/08 fit-3 ta' April 2008, liema talba giet michuda izda sar appell mid-decizjoni quddiem it-Tribunal fit-23 ta' Awwissu 2012. Sadattant fl-10 ta' Lulju 2012, l-Awtorita harget l-avviz ta' twettieq u enforzar, mertu ta' dan l-appell.

Bhala fatt mhux kontestat mill-appellant, l-appellant gie notifikat bl-avviz fl-20 ta' Settembru 2012 u skond il-ligi kellu hmistax-il jum biex jappella cioe sal-5 ta' Ottubru 2012. Invece l-appell iddahhal fit-12 ta' Ottubru 2012.

L-aggravji tal-appellant, anki jekk rilevanti fil-mertu ta' dak li tista' u ma tistax taghmel l-Awtorita fil-mori tal-appell minn decizjoni negattiva ta' sanzjonar, ma jbiddel xejn minn dak li qed jintalab jigi deciz f'dan l-appell.

Dan l-appell hu mibni biss fuq l-ammissibilita innifsu tal-appell mill-avviz ta' enforzar. Il-ligi hi cara. Persuna li thossha aggravata ghal kwalsiasi raguni mill-imsemmi avviz ghandha hmistax-il jum biex tappella minnu. It-termini tal-ligi huma perentorji u japplikaw ghal kulhadd u jorbtu lil kulhadd inkluz lil min hu obbligat jiggudika. Ma hemm ebda eccezzjoni jew diskrezzjoni ghax it-termini legali huma ta' ordni pubbliku. Din il-Qorti mhix tghid dwar dak li tista' taghmel jew ma tistax taghmel l-Awtorita f'cirkostanzi fejn hemm appell fuq applikazzjoni ta' sanzjonar u fl-istess waqt jinhareg ordni ta' enforzar. Il-ligi hi pjuttost cara. Il-Qorti pero hi prekluza milli tidhol f'tali mertu ghax jekk, kif inhu dan il-kaz car, l-appell quddiem it-Tribunal gie prezentat lil hinn mit-terminu applikabbli, allura t-Tribunal, gustament, ma kellux triq ohra hlief li jirrinunzja li jibda jisma' l-mertu ghax l-appell jitqies qisu qatt ma sar. Dan mhux xi att arbitrarju izda obbligu legali li jorbot lil kulhadd inkluz din il-Qorti.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Pasquale Catuogno billi l-appell hu inammissibbli ghax sar fouri termine, u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal

ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-30 ta' Lulju 2015, bl-ispejjez kontra l-appellant.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur